# Il-Ħadd 25.10.2015

1. Matul il-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd (24-25/10) naqilbu s-siegħa lura għall-ħin tax-xitwa.

2. Illum, il-Ħadd 25/10, **Jum il-Bibbja u Jum il-Griżma tal-Isqof**:
   - Fit-3:15pm tiftaħ il-knisja biex kulħadd isib postu u nilqgħu lill-E.T. Arċisqof Emeritu Mons. Pawlu Cremona o.p., li ġej fostna jamministra s-Sagrament tal-Griżma.
     Nifirħu lit-tfal li ser jirċievu dan is-Sagrament: 10 subien u 17 bniet.
     Fl-4:00pm tibda ċ-ċelebrazzjoni. ***Infakkar li ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm***.

3. L-Erbgħa 28/10:
   - Mid-9:30am sal-11:30am, fil-Knisja Parrokkjali tagħna, ser ikollna Quddiesa u wara mument ta' Riflessjoni mmexxi minni, u organizzat min-Nisa Azzjoni Kattolika ta' Ħal Luqa fil-parroċċa tagħna u li għaliha qed jistiednu lil diversi nisa mill-parroċċa tagħna biex jattendu. Ftit ħin ta' Irtir jagħmlilna tajjeb. Nieħdu xi ħaġa flimkien ukoll. Min bi ħsiebu jiġi javża lill-Kappillan.
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ħamis 29/10:-
   - Fis-7:15pm fil-Kappella tas-Salvatur, il-Qrendi, il-Grupp tal-Ħniena Divina tal-istess parroċċa se jorganizza siegħa adorazzjoni li għaliha mistednin il-parroċċi tal-Unità.

5. Il-Ġimgħa 30/10:
   - Fis-6:30pm, fil-Knisja parrokkjali ta' San Sebastjan, Ħal Qormi, ser issir ċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, li matulha ser jiġu ordnati 7 djakni, 1 minnhom patri. Nifirħulhom u nitolbu għalihom.

6. Il-Ħadd 1/11, **Solennità tal-Qaddisin kollha**.

7. It-Tnejn 2/11, **L-Għid tal-Imwiet** - Nitolbu għal ħutna l-mejtin:-
   - Il-quddies ikun f'dawn il-ħinijiet: Fis-7:00am u fit-7:45am, u fis-6:30pm.
   - Fil-quddiesa tas-6:30pm niftakru b'mod partikulari f'ħutna li mietu matul din is-sena, familjari u parruċċani.
   - ***Il-Quddiesa fiċ-ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra***
     ***ser issir il-Ħadd 8/11 fl-4:00pm.***
   - ***Infakkar li matul Novembru ċ-ċimiterju jkun miftuħ mit-8:00am sal-5:00pm.***

8. Il-Ħamis 5/11:
   - Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet fis-Seminarju tal-Virtu', r-Rabat.
     Jibda b'quddiesa fid-9:30am. Bħala parroċċa mistednin nattendu u nieħdu sehem.
     Fil-5:40pm - Nitilqu lejn is-Seminarju; – Fis-6:30pm - Adorazzjoni mas-Seminaristi.
     Fis-7:15pm - Niċċelebraw il-Quddiesa; – Inkunu lura għall-ħabta tat-8:30pm.
     Min jixtieq jiġi jinkiteb fis-sagristija minħabba t-trasport.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 430 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-Missjonijiet;
     Min għadu ma tax l-envelop bid-donazzjoni tal-missjoni, jekk jogħġbu iġibu u jitfgħu fl-offerti matul din il-ġimgħa sabiex inkunu nistgħu nibgħatuhom.
   - € 30 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-bankun u tan-niċċa ta' San Pawl. Grazzi.